# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fit-8 ta' Ġunju 2023[1]

**Kawża C-125/22**

**X,**
**Y,**
**is-sitt itfal minuri tagħhom**
**vs**
**Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f''s-Hertogenbosh, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni fil-qasam tal-ażil u tal-protezzjoni sussidjarja – Direttiva 2011/95/UE – Kundizzjonijiet għall-għoti tal-protezzjoni sussidjarja – Artikolu 15 – Teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi speċifiċi għas-sitwazzjoni individwali u għaċ-ċirkustanzi personali tal-applikant kif ukoll għas-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini – Ċirkustanzi umanitarji"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f''s-Hertogenbosh, il-Pajjiżi l-Baxxi) skont l-Artikolu 267 TFUE, tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, il-konjuġi X u Y, kif ukoll is-sitt itfal minuri tagħhom, kollha ċittadini Libjani (iktar 'il quddiem, flimkien, "ir-rikorrenti") u, min-naħa l-oħra, is-Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u s-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi) (iktar 'il quddiem, is-"Segretarju tal-Istat"), rigward deċiżjonijiet ta' dan tal-aħħar li jiċħdu l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali tar-rikorrenti. Il-kwistjoni fil-qalba ta' din il-kawża hija dik dwar jekk ir-rikorrenti jistgħux jibbenefikaw mill-protezzjoni sussidjarja fis-sens tad-Direttiva 2011/95.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
[2] ĠU 2011, L 337, p. 9.

3. Il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, preċiżazzjonijiet dwar il-mod kif is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali ta' applikant, minn naħa, u s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini, min-naħa l-oħra, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tal-applikazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95. Barra minn hekk, hija tixtieq tkun taf jekk, taħt ċerti kundizzjonijiet, ċirkustanzi umanitarji għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll fl-evalwazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni sussidjarja. Permezz tas-sentenza tagħha, li fiha ser jiġu interpretati l-kriterji komuni li l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni sussidjarja, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tikkontribwixxi għaċ-ċertezza legali u għal koerenza ikbar fl-applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

4. L-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intitolat "Id-dinjità tal-bniedem" jistabbilixxi:

"Id-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Hija għandha tkun irrispettata u protetta."

5. L-Artikolu 4 tal-Karta, intitolat "Il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti", jipprovdi:

"Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti."

6. L-Artikolu 19 tal-Karta, intitolat "Il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni", jistabbilixxi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti."

#### *2. Id-Direttiva 2011/95*

7. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'protezzjoni internazzjonali' tfisser l-istatus ta' refuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'punti (e) u (g);

(b) 'benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali' tfisser persuna li ngħatat status ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'punti (e) u (g);

[...]

(f) 'persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja' tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tagħha, tiffaċċja riskju veru li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 15, u li għaliha l-Artikolu 17(1) u (2) ma japplikax, u ma tistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma tixtieqx [ma hijiex lesta] tapprofitta ruħha [tibbenefika] mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż;

(g) 'status ta' protezzjoni sussidjarja' ifisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

(h) 'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali' tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex status ta' refuġjat jew stat ta' protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop ta' din id-Direttiva, li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha;

(i) 'applikant' ifisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha għadha ma ttiħditx deċiżjoni finali;

[...]"

8. L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Eżami ta' fatti u ċirkostanzi", li jinsab fil-Kapitolu II tagħha, dwar l-"[e]żami ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jqisuh bħala d-dmir tal-applikant li jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'kooperazzjoni mal-applikant huwa d-dmir tal-Istat Membru li jeżamina l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni.

[...]

3. L-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi kunsiderazzjoni ta':

(a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż ta' oriġini fil-mument tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni [...];

(b) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti preżentati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(c) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, inkluż fatturi bħal ma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess u l-età, sabiex jiġi stmat jekk, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikunu jammontaw għal persekuzzjoni jew periklu serju;

[...]

4. Il-fatt li applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-periklu, huwa indikazzjoni serja tal-biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni jew ir-riskju veru li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li jista' jitqies li din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu serju ma jiġix ripetut.

5. Fejn Stati Membri japplikaw il-prinċipju skont liema huwa d-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant mhumiex appoġġjati minn xhieda dokumentarja jew xhieda oħra, dawk l-aspetti m'għandhomx jeħtieġu konferma, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;

(b) l-elementi rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant ikunu ġew sottomessi, u spjegazzjoni sodisfaċenti li tirrigwarda nuqqas ta' elementi rilevanti oħra tkun ingħatat;

(c) id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jinstabu li huma koerenti u plawsibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti għall-każ tal-applikant;

[...]

(e) il-kredibilità ġenerali tal-applikant tkun ġiet stabbilita."

9. Skont l-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju":

"Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju jinkludu:

(a) l-Istat;

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju tal-Istat;

(c) atturi mhux tal-Istat, jekk ikun jista' jiġi muri li l-atturi msemmija f'punti (a) u (b), inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jew ma jixtiqux jipprovdu protezzjoni kontra persekuzzjoni jew periklu serju kif definit fl-Artikolu 7."

10. L-Artikolu 8 tal-istess direttiva, intitolat "Protezzjoni interna", jistabbilixxi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Fl-eżami ta' jekk applikant għandux biża' ġustifikata li jkun ippersegwitat jew huwiex fir-riskju reali li jsofri dannu serju, jew għandux aċċess għal protezzjoni minn persekuzzjoni jew dannu serju f'parti mill-pajjiż ta' oriġini bi qbil mal-Paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom fil-mument tat-teħid tad-deċiżjoni fuq l-applikazzjoni jqisu ċ-ċirkostanzi ġenerali fis-seħħ f'dik il-parti tal-pajjiż u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant bi qbil mal-Artikolu 4. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni preċiża u aġġoranta tinkiseb minn sorsi rilevanti, bħal eżempju l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil."

11. Skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Dannu serju", li jinsab fil-Kapitolu V tagħha, dwar il-"[k]walifika biex persuna tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja":

"Dannu serju jikkonsisti minn:

(a) piena kapitali jew eżekuzzjoni; jew

(b) tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

(c) theddida serja u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ċivili minħabba vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern."

12. L-Artikolu 18 ta' din id-direttiva, intitolat "Għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjara", jistabbilixxi:

"L-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' protezzjoni sussidjarja lil ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil mal-Kapitoli II u V."

### *B. Id-dritt Olandiż*

13. L-Artikolu 29(1) tal-Wet tot algehele herziening van de Vreemdelingenwet (Vreemdelingenwet 2000) (il-Liġi dwar ir-Reviżjoni Ġenerali tal-Liġi dwar il-Barranin (il-Liġi dwar il-Barranin tal-2000)), tat-23 ta' Novembru 2000 (Stb. 2000, Nru 496), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi:

"1. Il-permess ta' residenza għal żmien limitat [...] jista' jingħata liċ-ċittadin barrani li:

a) għandu l-istatus ta' refuġjat; jew

b) jistabbilixxi b'mod suffiċjenti li huwa għandu raġunijiet validi sabiex jippreżupponi li fil-każ ta' tkeċċija, huwa jkun f'riskju reali li jsofri dannu serju, li huwa:

1°. il-piena kapitali jew l-eżekuzzjoni;

2°. it-tortura, trattamenti jew sanzjonijiet inumani jew degradanti; jew

3°. theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ta' pajżan minħabba vjolenza indiskriminata fil-każ ta' kunflitt armat intern jew internazzjonali.

2. Il-permess ta' residenza għal żmien limitat imsemmi fl-Artikolu 28 jista' jingħata wkoll lill-membri tal-familja elenkati hawn taħt jekk, fil-mument tal-wasla taċ-ċittadin barrani kkonċernat, huma kienu jifformaw parti mill-familja tiegħu u kienu daħlu fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-istess żmien bħalu, jew ingħaqdu miegħu fi żmien tliet xhur wara li huwa ngħata permess ta' residenza għal żmien limitat [...]

[...]

4. Il-permess ta' residenza għal żmien limitat [...] jista' jingħata wkoll lil membru tal-familja fis-sens tal-paragrafu 2 li ma jkunx ingħaqad maċ-ċittadin barrani msemmi fil-paragrafu 1 fit-tliet xhur ta' wara l-ħruġ ta' permess ta' residenza lil dan tal-aħħar [...] jekk, f'dawn it-tliet

xhur, tkun saret applikazzjoni għal viża għal residenza ta' iktar minn tliet xhur minn dan il-membru tal-familja jew f'ismu."

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura prinċipali u d-domandi preliminari

14. Il-konjuġi X u Y, rikorrenti fil-kawża prinċipali, huma mil-Libja. Fit-28 ta' Jannar 2018 huma ppreżentaw, anki għan-nom tas-sitt itfal minuri tagħhom, applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-Pajjiżi l-Baxxi.

15. Huma ssostanzjaw l-applikazzjonijiet tagħhom billi ddikjaraw l-elementi li ġejjin: X ħadem għal diversi snin fi Tripli bħala gwardja tas-sigurtà ta' politikanti f'kariga għolja. Darba sparawlu waqt li kien qiegħed jiġġoggja wara x-xogħol. Allegatament, huwa ntlaqat f'rasu u traċċi tal-balal daħlu f'ħaddejh ix-xellugija. Wara dan, X allegatament ġie mhedded darbtejn bit-telefon, l-ewwel darba madwar ħames xhur wara li sparaw fuqu u t-tieni darba bejn sena u sentejn wara l-isparatura fuqu. Matul dawn il-konverżazzjonijiet telefoniċi, intqal b'mod partikolari li X kien jaħdem għall-gvern, li huwa kien ser jinqatel u li t-tfal tiegħu kienu ser jinħatfu. X allegatament għandu suspetti dwar l-identità tal-persuna responabbli mill-isparatura u mit-theddid, iżda ma jistax jipprovahom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti argumentaw li minbarra ċ-ċirkustanzi umanitarji fil-Libja (b'mod partikolari l-assenza ta' aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u l-assenza ta' aċċess għall-elettriku), il-fatt li huma kellhom sitt itfal minuri huwa importanti wkoll fil-kuntest tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95.

16. Permezz ta' deċiżjonijiet separati, kollha datati 24 ta' Diċembru 2020, is-Segretarju tal-Istat ċaħad l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali bħala infondati. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet jindikaw li r-rikorrenti ma kinux ser jingħataw permess ta' residenza ordinarju u ma kinux ser jibbenefikaw minn posponiment tal-obbligu tagħhom li jitilqu. Fl-aħħar nett, is-Segretarju tal-Istat iddeċieda li dawn id-deċiżjonijiet kienu jservu wkoll sabiex jagħtu lok għal obbligu li jħallu t-territorju u li r-rikorrenti kellhom terminu ta' erba' ġimgħat biex jikkonformaw ruħhom ma' dan.

17. Ir-rikorrenti ppreżentaw rikors, għal nuqqas ta' fondatezza, kontra iċ-ċaħda tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali quddiem ir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f''s Hertogenbosh).

18. Dik il-qorti tesprimi dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95. Hija tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu 15(b), minn naħa, u dawk tal-Artikolu 15(c), min-naħa l-oħra, għandhomx jiġu evalwati b'mod strettament separat, jew jekk, għall-kuntrarju, l-imsemmi Artikolu 15 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-elementi rilevanti kollha relatati kemm mas-sitwazzjoni individwali u maċ-ċirkustanzi personali tal-applikant kif ukoll mas-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini għandhom dejjem jiġu evalwati b'mod integrali u konġunt qabel ma tiġi identifikata l-manifestazzjoni ta' dannu serju li tista' tiġi ssostanzjata abbażi ta' dawn l-elementi. Hija ssostni li d-deċiżjoni li tingħata jew le protezzjoni lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet ser tiddependi fuq il-mod li bih għandhom jiġu interpretati dawn id-dispożizzjonijiet.

19. Din hija r-raġuni għaliex ir-rechtbank Den Haag zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f''s Hertogenbosh) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 15 tad-Direttiva [2011/95], moqri flimkien mal-[Artikolu 2(g) u mal-Artikolu 4] ta' din id-direttiva, kif ukoll mal-Artikoli 4 u 19(2) tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi stabbilit jekk applikant għandux bżonn protezzjoni sussidjarja, l-elementi rilevanti kollha marbuta kemm mas-sitwazzjoni individwali u maċ-ċirkustanzi personali tal-applikant kif ukoll mas-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini, għandhom dejjem jiġu eżaminati u evalwati b'mod integrali u konġunt qabel ma tiġi identifikata l-manifestazzjoni li hemm biża' dwarha ta' dannu serju li tista' tiġi ssostanzjata abbażi ta' dawn l-elementi?

2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fin-negattiv, l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni individwali u taċ-ċirkustanzi personali tal-applikant fil-kuntest tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva [2011/95], elementi li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà speċifikat li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fiha, tmur lil hinn mill-kontroll tal-osservanza tal-kundizzjoni ta' individwalizzazzjoni kif imsemmija fis-sentenza tal-Qorti EDB, [tas-17 ta' Lulju 2008], N.A. vs Ir-Renju Unit [(CE:ECHR:2008:0717JUD002590407) [3]]? L-imsemmija elementi jistgħu, fil-każ tal-istess applikazzjoni għal protezzjoni sussidjarja, jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni fir-rigward kemm tal-Artikolu 15(b) kif ukoll tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva [2011/95]?

3) L-Artikolu 15 tad-Direttiva [2011/95] għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi evalwat il-bżonn għal protezzjoni sussidjarja, l-hekk imsejħa skala mobbli (sliding scale), li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà speċifikat li għandha tiġi applikata fl-evalwazzjoni ta' allegata biża' ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15(c) [ta' din id-direttiva], għandha tiġi applikata wkoll sabiex tiġi evalwata allegata biża' ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15(b) [tagħha]?

4) L-Artikolu 15 tad-Direttiva [2011/95], moqri flimkien mal-Artikoli 1, 4 u 19(2) tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li ċirkustanzi umanitarji li huma l-konsegwenza (in)diretta ta' atti jew ommissjonijiet ta' attur ta' dannu serju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat il-bżonn ta' protezzjoni sussidjarja ta' applikant?"

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20. Id-deċiżjoni tar-rinviju datata 22 ta' Frar 2022 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum.

21. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Olandiż, Belġjan, Ġermaniż u Franċiż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

22. Waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2023, il-mandatarji *ad litem* tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tal-Gvern Olandiż, kif ukoll tal-Kummissjoni, ippreżentaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom.

[3] Iktar 'il quddiem is-"sentenza NA. vs Ir-Renju Unit".

## V. Analiżi ġuridika

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

23. Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tagħha tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati[4] huma l-istrumenti legali internazzjonali prinċipali fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-istatus tar-refuġjati u l-prinċipju ta' non-refoulement. Bl-adozzjoni tad-Direttiva 2011/95, ġiet introdotta fl-Unjoni forma ġdida ta' protezzjoni, il-"protezzjoni sussidjarja". Peress li ġiet adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni abbażi, b'mod partikolari, tal-Artikolu 78(2)(b) TFUE, din id-direttiva tagħmel parti mill-kuntest ta' miżuri relatati ma' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li tinkludi "status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, mingħajr ma jiksbu asil Ewropew, *jeħtieġu protezzjoni internazzjonali*" (korsiv miżjud minni).

24. "[P]ersuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja", fis-sens tal-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2011/95, tfisser "ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tagħha, *tiffaċċja riskju veru li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 15*" (korsiv miżjud minni). Din id-dispożizzjoni tipprevedi tliet tipi ta' "dannu serju" li l-karatterizzazzjoni tagħhom hija ta' natura li twassal, għall-persuna li ssofrihom, għall-għoti tal-protezzjoni sussidjarja. B'mod konkret, dawn jirrigwardaw, il-piena kapitali [punt (a)]; it-tortura jew trattamenti jew sanzjonijiet inumani jew degradanti imposti fuq applikant fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu (punt (b)) u theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ta' pajżan minħabba vjolenza indiskriminata fil-każ ta' kunflitt armat intern jew internazzjonali (punt (c)).

25. Għalhekk, id-Direttiva 2011/95 tistabbilixxi l-kriterji komuni li l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni sussidjarja, u tiżgura għalhekk li l-Istati Membri kollha japplikaw dawn il-kriterji. Kif ġustament irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, din id-direttiva hija intiża sabiex tistabbilixxi *sistema uniformi ta' protezzjoni sussidjarja*[5]. Huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jevalwaw il-fatti u li għandhom jistabbilixxu jekk dawn il-kriterji humiex issodisfatti f'dan il-każ, billi jsegwu l-linji gwida li jirriżultaw mill-ġurisprudenza. Sa fejn il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva u tikkundanna prattika eteroġenja fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, jidhirli li huwa indispensabbli li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar id-domandi magħmula b'mod ċar sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti tar-regoli tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

26. Il-qorti tar-rinviju titlob essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja preċiżazzjonijiet dwar il-mod li bih is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali ta' applikant, minn naħa, u s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini, min-naħa l-oħra, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-analiżi intiża sabiex dan l-applikant jingħata l-protezzjoni sussidjarja prevista fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95 (l-ewwel sat-tielet domanda). Din il-qorti tixtieq tkun taf ukoll, jekk taħt

4 Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)), kif emendata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż f'New York fil-31 ta' Jannar 1967.

5 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali") (C-901/19, EU:C:2021:472, punt 22).

ċerti kundizzjonijiet, ċirkustanzi umanitarji għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll fl-evalwazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni sussidjarja tal-imsemmi applikant (ir-raba' domanda). Dawn id-domandi ser jiġu indirizzati fl-ordni li fih saru.

## *B. Fuq l-ewwel domanda preliminari*

27. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 2(g) u mal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, kif ukoll mal-Artikolu 4 u mal-Artikolu 19(2) tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat jekk applikant huwiex espost għal riskju li jsofri wieħed mid-danni serji, fis-sens ta' dan l-Artikolu 15, huma l-awtoritajiet kompetenti li għandhom iwettqu b'mod sistematiku l-eżami tal-elementi rilevanti kollha, li jirrigwardaw kemm is-"sitwazzjoni individwali" u ċ-"ċirkustanzi personali" tal-applikant kif ukoll is-"sitwazzjoni ġenerali" fil-pajjiż ta' oriġini, qabel ma jidentifikaw il-forma ta' dannu serju li tista' tiġi ssostanzjata abbażi ta' dawn l-elementi.

### *1. Fuq l-obbligu li ssir evalwazzjoni individwali tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li tieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti kollha rilevanti li jirrigwardaw il-pajjiż ta' oriġini kif ukoll is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant*

28. Qabelxejn, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2013/32/UE[6], hija l-awtorità determinanti tal-Istat Membru kkonċernat li għandha tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali wara eżami adegwat, kif ippreċiżat b'mod partikolari fl-imsemmi paragrafu. L-eżami tal-applikazzjoni mill-awtorità determinanti, li għandu jkollha mezzi speċifiċi u persunal speċjalizzat fil-qasam, huwa fażi essenzjali tal-proċeduri komuni stabbiliti mill-imsemmija direttiva[7].

29. Imbagħad, għandu jiġi nnotat li, skont l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/95, *l-evalwazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha ssir fuq bażi "individwali"*, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost oħrajn, l-elementi msemmija fl-imsemmi artikolu[8]. Il-punt (a) jirreferi għall-"fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż ta' oriġini", filwaqt li l-punt (c) jirreferi għall-"pożizzjoni individwali" u għaċ-"ċirkustanzi personali" tal-applikant. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk l-applikant għandux jingħata l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja meta ma jkunx jista' jiġi kkunsidrat bħala refuġjat. Fi kliem ieħor, anki jekk applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tinvokax elementi speċifiċi għas-sitwazzjoni tal-applikant, *din id-dispożizzjoni teħtieġ li jittieħdu inkunsidrazzjoni s-"sitwazzjoni individwali" kif ukoll iċ-"ċirkustanzi personali" tal-applikant.*

30. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Gvern Franċiż, ma jeżisti *ebda ordni ġerarkiku jew kronoloġiku bejn it-tipi differenti ta' dannu serju* ddefiniti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95[9], b'tali mod li ebda argument ma jista' jkun ibbażat fuqu sabiex jiġi sostnut nuqqas ta' rilevanza tas-"sitwazzjoni individwali" u taċ-"ċirkustanzi personali" tal-applikant (meta mqabbla mas-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini) bħala element li għandu

6 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

7 Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:626, punt 64).

8 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali") (C-901/19, EU:C:2021:472, punt 41).

9 Ara f'dan ir-rigward, Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO), *Gwida prattika tal-EASO: Kwalifika għal protezzjoni internazzjonali*, April 2018, p. 27.

jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali fid-dawl tal-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva. Għall-kuntrarju, din il-konstatazzjoni donnha *ssostni interpretazzjoni li teħtieġ preċiżament li dawn jittieħdu inkunsiderazzjoni* fil-kuntest tal-evalwazzjoni li għandha ssir mill-awtorità kompetenti.

31. Għalhekk, jidhirli li mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jirriżulta li, sabiex jiġi evalwat jekk, fil-każ ta' ritorn fil-pajjiż ta' oriġini, l-applikant ikunx f'riskju reali ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva, *dejjem għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni,* kemm is-“sitwazzjoni individwali” u ċ-“ċirkustanzi personali” tal-applikant, kif ukoll *il-fatti rilevanti kollha* li jirrigwardaw il-pajjiż ta' oriġini u, għalhekk, ukoll, jekk ikun il-każ, is-“sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż” inkwistjoni.

*2. Il-manifestazzjonijiet ta' dannu serju jistgħu jissodisfaw simultanjament diversi kriterji li għandhom jiġu evalwati waqt l-evalwazzjoni tal-istess applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali*

32. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li din l-osservazzjoni ma timplikax li t-tifsira li għandha tingħata liż-żewġ elementi msemmija hawn fuq (minn naħa, is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, u min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini) tkun neċessarjament l-istess fil-kuntest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 15(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2011/95. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li jeżistu differenzi bejn dawn il-punti, li għandhom jissemmew fil-qosor sabiex wieħed jifhem l-analiżi aħjar.

33. Minn naħa, għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet li jinsabu fil-punt (a), jiġifieri l-“piena kapitali jew [l-]eżekuzzjoni”, u fil-punt (b), jiġifieri r-riskju ta' “tortura jew [ta'] trattament inuman”, dawn id-danni serji jkopru sitwazzjonijiet li fihom l-applikant għall-protezzjoni sussidjarja huwa espost speċifikament għar-riskju ta' dannu ta' tip *partikolari*[10]. Min-naħa l-oħra, id-dannu ddefinit fl-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva, ikkostitwit minn “theddida serja u individwali għall-ħajja jew il-persuna” tal-applikant, ikopri riskju ta' dannu *iktar ġenerali*. Għalhekk, dan jirrigwarda b'mod iktar wiesa' “theddida [...] għal ħajja [jew għall-persuna]” ta' pajżan, pjuttost milli vjolenzi speċifiċi. Barra minn dan, dan it-theddid huwa inerenti f'sitwazzjoni ġenerali ta' kunflitt armat li tagħti lok għal “vjolenza indiskriminatorja”, li jimplika li hija tista' testendi għal persuni irrispettivament miċ-ċirkustanzi personali tagħhom[11].

34. Madankollu, dawn id-differenzi ma jeskludux l-eżistenza ta' *sovrappożizzjonijiet* b'tali mod li, f'ċerti każijiet, il-manifestazzjonijiet ta' dannu serju *jistgħu jissodisfaw simultanjament diversi kriterji* li għandhom jiġu evalwati waqt l-evalwazzjoni tal-istess applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali[12]. Għal din ir-raġuni, nikkunsidra li *l-elementi kollha rilevanti*, li jirrigwardaw kemm is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, kif ukoll is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini, *għandhom jiġu eżaminati u evalwati flimkien* qabel ma tiġi stabbilita l-manifestazzjoni ta' dannu serju li tikkorrispondi l-aħjar għall-każijiet inkwistjoni skont l-Artikolu 15(a), (b) jew (c) tad-Direttiva 2011/95.

10 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' “theddid serju u individwali”) (C-901/19, EU:C:2021:472, punt 25).

11 Sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punti 32 sa 34).

12 Ara f'dan is-sens, EASO, *Artikolu 15(c) de la directive qualification aux conditions que doivent remplir les demandeurs d'asile (2011/95/EU) – Analyse judiciaire*, (Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika għall-Kundizzjonijiet li għandhom jiġu Ssodisfatti mill-Applikanti għall-Ażil (2011/95UE) – Analiżi ġudizzjarja) Jannar 2015, p. 16.

35. Barra minn hekk, irrid infakkar li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-riferiment għat-"theddida serja u *individwali*" (korsiv miżjud minni) fl-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva, għandu jinftiehem li jkopri dannu dirett kontra pajżana mingħajr kunsiderazzjoni tal-identità tagħhom, jekk il-grad ta' vjolenza indiskriminata li tikkaratterizza l-kunflitt armat li għaddej, evalwat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li quddiemhom tkun tressqet applikazzjoni għal protezzjoni sussidjarja jew mill-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom tkun tressqet deċiżjoni ta' ċaħda ta' tali applikazzjoni, jilħaq livell daqstant għoli li jkunu jeżistu raġunijiet serji u stabbiliti li jwasslu lil wieħed jemmen li pajżan mibgħut lura fil-pajjiż ikkonċernat, jew, skont il-każ, fir-reġjun ikkonċernat, ikun, diġà minħabba s-sempliċi preżenza tiegħu f'dan it-territorju, f'riskju reali li jkun suġġett għat-theddid serju msemmi fl-Artikolu 15(c) tal-imsemmija direttiva [13].

36. Madankollu, minkejja li huwa minnu li l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 jista' jkopri sitwazzjoni eċċezzjonali bħal dik deskritta fil-punt preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-imsemmija dispożizzjoni tista' tkopri wkoll sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn grad ta' vjolenza indiskriminata inqas għoli iżda fejn *tali riskju jirriżulta miċ-ċirkustanzi personali tal-applikant*. Fil-fatt, kif stabbilixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva, "iktar ma l-applikant ikun kapaċi juri li *huwa speċifikament effettwat minħabba elementi partikolari għas-sitwazzjoni personali tiegħu*, inqas ser ikun għoli l-grad ta' vjolenza indiskriminata mitluba sabiex jista' ikun eleġibbli għal protezzjoni sussidjarja" [14] (korsiv miżjud minni).

37. Dawn l-elementi kollha jwasslu għall-konklużjoni li, fil-kuntest tal-analiżi intiża sabiex l-applikant jingħata l-protezzjoni sussidjarja fis-sens tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95, huwa neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni, mhux biss is-"sitwazzjoni ġenerali" tal-pajjiż ta' oriġini, iżda wkoll, jekk ikun il-każ, l-elementi li jirrigwardaw is-"sitwazzjoni individwali" u ċ-"ċirkustanzi personali" ta' dan l-applikant.

### *3. Xi prinċipji li jistgħu jservu ta' gwida għall-awtoritajiet nazzjonali fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom*

38. Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn la d-Direttiva 2011/95, la d-Direttiva 2013/32, u lanqas xi regola oħra tad-dritt tal-Unjoni ma jinkludu regoli espressi u dettaljati marbuta mal-istruttura u mal-organizzazzjoni tal-proċess ta' evalwazzjoni għal dak li jirrigwarda l-interdipendenza u l-iżvolġiment sekwenzjali tal-evalwazzjoni ta' forom differenti ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, l-Istati Membri għandhom, bħala prinċipju, ċertu *marġni ta' diskrezzjoni* f'dan ir-rigward.

39. Fil-fehma tiegħi, il-kunsiderazzjonijiet esposti hawn fuq, ibbażati fuq interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jippermettu madankollu li tiġi stabbilita serje ta' *prinċipji li jistgħu jillimitaw il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri*. Peress li dawn il-prinċipji jistgħu jservu ta' gwida għall-awtoritajiet nazzjonali fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, inqis opportun li nippreżentahom iktar 'il quddiem.

[13] Sentenzi tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punt 35) u tal-10 ta' Ġunju 2021, Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali") (C-901/19, EU:C:2021:472, punt 28).

[14] Sentenzi tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punt 39) u tat-30 ta' Jannar 2014, Diakité (C-285/12, EU:C:2014:39, punt 31).

40. L-ewwel, mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni għamel deliberament distinzjoni bejn id-diversi forom ta' dannu serju li jistgħu jeżistu. Kull waħda mit-tliet forom ta' dannu serju msemmija f'dan l-artikolu tikkostitwixxi *raġuni awtonoma* għall-għoti tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja. Konsegwentement, ir-rekwiżiti *kollha* li jirriżultaw mill-punt rilevanti ta' dan l-Artikolu 15 għandhom jiġu ssodisfatti qabel ma jingħata dan l-istatus. Għalhekk, ma huwiex suffiċjenti li jiġu ssodisfatti *parzjalment* ir-rekwiżiti ta' punt u *parzjalment* dawk ta' punt ieħor tal-imsemmi Artikolu 15. Jibqa' l-fatt li, fejn xieraq, tista' tkun kwistjoni ta', simultanjament, riskju reali ta' *diversi* danni serji fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

41. It-tieni, u mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal preċedentement, f'sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm diversi danni serji fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, ċerti elementi jistgħu jkunu rilevanti simultanjament għal diversi forom ta' tali danni serji. F'dan il-każ, *l-elementi rilevanti inkwistjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni tal-forom kollha ta' dannu serju li jistgħu jkunu inkwistjoni.* Fil-fatt, kif spjegajt fil-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/95 jeħtieġ li dejjem jittieħdu inkunsiderazzjoni "l-fatti kollha rilevanti" hemm imsemmija, inkluż is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, kif ukoll is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' oriġini. B'konformità ma' dan ir-rekwiżit, ma jistax jiġi aċċettat li, fi Stat Membru, ċerti elementi potenzjalment rilevanti ma jkunux eżaminati u evalwati mill-awtorità determinanti għas-sempliċi raġuni formali li l-applikant qajjem dawn l-elementi fir-rigward ta' waħda mill-forom potenzjalment rilevanti ta' dannu serju possibbli, iżda mhux fir-rigward ta' oħra.

42. It-tielet, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li għandha ssir distinzjoni bejn iż-żewġ stadji waqt l-evalwazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali [15]. L-ewwel stadju jikkonċerna l-*istabbiliment ta' ċirkustanzi fattwali* li jistgħu jikkostitwixxu l-provi insostenn tal-applikazzjoni, filwaqt li t-tieni stadju jikkonċerna l-*evalwazzjoni ġuridika* ta' dawn il-provi, li tikkonsisti f'li jiġi deċiż jekk, fid-dawl tal-fatti li jikkaratterizzaw każ speċifiku, ir-rekwiżiti bażiċi għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali jkunux issodisfatti. Ir-rekwiżit ta' kooperazzjoni previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/95 japplika waqt l-ewwel stadju, iżda mhux fit-tieni wieħed. Din *id-distinzjoni bejn iż-żewġ stadji tal-evalwazzjoni*, b'responsabbiltajiet differenti għall-applikant u għall-awtorità determinanti, tikkonferma li ma huwiex possibbli li din l-awtorità, qabel l-eventwali klassifikazzjoni legali, teskludi ċerti elementi potenzjalment rilevanti. Dan imur kontra l-prinċipju li jgħid li jeżistu żewġ stadji distinti li għandhom, loġikament, japplikaw suċċessivament.

43. Ir-raba', aspett partikolarment importanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fid-dawl tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95 – li ser jiġi spjegat fid-dettall fil-kuntest tal-eżami tat-tieni domanda preliminari – jirrigwarda l-kwistjoni dwar sa fejn l-applikant huwa *speċifikament espost għar-riskju li jsofri ċertu tip ta' dannu.* Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-"individwalizzazzjoni" ma hijiex importanti biss sabiex jiġi ddeterminat jekk is-sitwazzjoni tal-applikant taqax taħt id-dannu serju ddefinit fil-punti (a) u (b), iżda wkoll dak imsemmi fil-punt (c) ta' dan l-artikolu. B'konformità mal-hekk imsejħa skala "mobbli", żviluppata bil-ġurisprudenza u li tapplika fir-rigward tal-punt (c), "iktar ma l-applikant ikun kapaċi juri li huwa *speċifikament effettwat minħabba elementi partikolari għas-sitwazzjoni personali tiegħu,*

[15] Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2012, M. (C-277/11, EU:C:2012:744, punti 44 *et seq.*) u tat-2 ta' Diċembru 2014, A *et* (C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, punt 58).

inqas ser ikun għoli l-grad ta' vjolenza indiskriminata mitluba sabiex jista' ikun eleġibbli għal protezzjoni sussidjarja" [16] (korsiv miżjud minni). Konsegwentement, l-awtorità kompetenti jkollha tistabbilixxi l-grad ta' "individwalizzazzjoni" meħtieġ fil-każ inkwistjoni.

44. B'konformità mat-tqassim ta' kompetenzi fil-kuntest ta' proċedura preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-approċċ adottat f'dan il-każ mill-awtorità kompetenti waqt l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali jissodisfax ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni esposti hawn fuq.

### *4. Risposta għall-ewwel domanda preliminari*

45. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) ta' din, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għal kull wieħed mill-punti elenkati f'dan l-artikolu u li jistgħu jkunu inkwistjoni f'każ partikolari, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 4(3), li jinkludu s-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant kif ukoll il-fatti kollha rilevanti li jirrigwardaw il-pajjiż ta' oriġini, u għandha ssir b'mod li jiddistingwi ż-żewġ stadji relattivi, rispettivament, għall-konstatazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali li jistgħu jikkostitwixxu provi insostenn tal-applikazzjoni u għall-evalwazzjoni ġuridika ta' dawn l-elementi, mingħajr ma huwa neċessarju li l-punti differenti ta' dan l-Artikolu 15 jiġu evalwati flimkien.

## *C. Fuq it-tieni domanda preliminari*

### *1. Ir-rilevanza tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 3 tal-KEDB*

46. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest tal-analiżi intiża għad-determinazzjoni ta' riskju ta' dannu serju fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandhom jiġu evalwati l-elementi relatati mas-sitwazzjoni individwali u maċ-ċirkustanzi personali ta' dan l-applikant, u jekk din l-evalwazzjoni tmurx lil hinn mill-kontroll tal-osservanza tal-kundizzjoni ta' "individwalizzazzjoni", kif imsemmija fis-sentenza N.A. vs Ir-Renju Unit.

47. B'mod partikolari, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qorti *a quo* tixtieq kjarifika, b'mod partikolari, fuq il-kwistjoni dwar jekk ċirkustanzi individwali minbarra s-sempliċi fatt li wieħed ikun ġej minn żona fejn iseħħu "il-każijiet l-iktar estremi ta' vjolenza ġenerali", fis-sens tal-imsemmija sentenza – jiġifieri li fihom il-grad ta' vjolenza f'pajjiż partikolari jilħaq livell tali li t-tkeċċija ta' persuna lejn dan il-pajjiż tikkostitwixxi ksur tal-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattamenti inumani jew degradanti ggarantita mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") – jistgħux iservu bħala element rilevanti neċessarju sabiex jiġi ssostanzjat biża' ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95.

[16] Ara l-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 jista' jkopri mhux biss sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn grad ta' vjolenza indiskriminata, iżda wkoll sitwazzjonijiet oħra kkaratterizzati minn grad ta' vjolenza inqas għoli iżda fejn tali riskju jirriżulta minn elementi relatati mas-sitwazzjoni personali tal-applikant. Kif irrilevajt fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel domanda preliminari[17], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat fil-ġurisprudenza tagħha li, "iktar ma l-applikant ikun kapaċi juri li huwa *speċifikament effettwat minħabba elementi partikolari għas-sitwazzjoni personali tiegħu*, inqas ser ikun għoli l-grad ta' vjolenza indiskriminata mitluba sabiex jista' ikun eleġibbli għal protezzjoni sussidjarja" (korsiv miżjud minni). Minn dan isegwi li, waqt l-analiżi li għandha ssir skont din id-dispożizzjoni, huwa possibbli li tiġi applikata "skala mobbli" bbażata fuq differenza skont il-livelli ta' vjolenza indiskriminata possibbli u skont is-sitwazzjoni individwali tal-applikant, sabiex tiġi evalwata l-kwistjoni dwar jekk dan l-applikant jistax jibbenefika mill-protezzjoni taħt l-imsemmija dispożizzjoni.

49. Għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-evalwazzjoni tal-elementi relatati mas-sitwazzjoni individwali u maċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, imwettqa fil-kuntest tal-analiżi intiża sabiex jiġi ddeterminat riskju ta' dannu serju fis-sens tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 tmurx lil hinn mill-kontroll tal-osservanza tal-kundizzjoni ta' "individwalizzazzjoni", kif imsemmija mill-Qorti EDB fis-sentenza tagħha N.A. vs Ir-Renju Unit, għandu jitfakkar li fis-sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2011/95 jikkorrispondi, essenzjalment, għall-Artikolu 3 tal-KEDB. Min-naħa l-oħra, peress li l-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva huwa differenti mill-imsemmija dispożizzjoni tal-KEDB, *l-interpretazzjoni tiegħu għandha ssir b'mod awtonomu filwaqt li tibqa' fil-parametri tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB*[18]. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, billi rreferiet għas-sentenza N.A. vs Ir-Renju Unit iċċitata iktar 'il fuq, li l-interpretazzjoni mogħtija hemmhekk tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 2(e) tagħha, hija kompletament kompatibbli mal-KEDB, inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-KEDB[19].

50. Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta saret legalment vinkolanti u għandha l-istess valur legali bħat-Trattati, kif jipprovdi l-Artikolu 6(1) TUE. Għalhekk, issa l-Karta hija l-punt ta' referenza prinċipali fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Dan huwa preċiżament dak li jirriżulta mill-premessa 16 tad-Direttiva 2011/95. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-KEDB – u għalhekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward – *jżommu l-importanza kollha tagħhom* fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi li, sa fejn din tal-aħħar tinkludi drittijiet korrispondenti għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, it-tifsira u l-portata tagħhom huma l-istess bħal dawk li tagħtihom il-KEDB.

51. Għal dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-Artikolu 3 tal-KEDB, id-dritt fundamentali li jinsab fih jikkorrispondi għad-dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Karta. Bħala tali, kif indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-kawża Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali"), din l-aħħar dispożizzjoni għandha għalhekk l-istess tifsira u portata bħal tal-ewwel[20]. Għalhekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet

17 Ara l-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 Sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punt 28).

19 Sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punt 44).

20 C-901/19 (EU:C:2021:116, punt 49).

tal-Bniedem, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 3 tal-KEDB, u li minnha tifforma parti s-sentenza N.A. vs Ir-Renju Unit, tista' għalhekk tkun rilevanti għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95.

*2. Aspetti oħra li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni marbuta mas-"sitwazzjoni individwali" jew maċ-"ċirkustanzi personali" tal-applikant*

52. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li, sa fejn l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva għandha ssir b'mod *awtonomu*, kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi personali fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni ma hijiex limitata għall-kontroll tal-kundizzjoni ta' "individwalizzazzjoni" kif imsemmija mill-Qorti EDB fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq. Konsegwentement, jidhirli li l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi personali fir-rigward tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 tmur lil hinn mill-kontroll tal-osservanza tal-imsemmija kundizzjoni ta' "individwalizzazzjoni".

53. Kif kont diġà rrilevajt fil-konklużjonijiet li jien ippreżentajt fil- fil-kawża Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali")[21], mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod ċar li minkejja li l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 ma timplikax, fl-ewwel lok, eżami tas-sitwazzjoni personali tal-applikant, din id-dispożizzjoni għandha tinqara, fit-tieni lok, flimkien mal-Artikolu 4(4) ta' din id-direttiva, b'tali mod li elementi ta' natura personali li jikkonċernawh jistgħu, jekk ikun il-każ, jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' theddid serju u individwali fis-sens ta' dan l-Artikolu 15(c)[22].

54. Skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2011/95, "*[i]l-fatt li applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-periklu*, huwa indikazzjoni serja tal-biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni jew ir-riskju veru li jsofri dannu serju, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li jista' jitqies li din il-persekuzzjoni jew dan id-dannu serju ma jiġix ripetut" (korsiv miżjud minni). Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li l-identifikazzjoni ta' eventwali "theddid serju u individwali" fis-sens tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 tkun ibbażata fuq *elementi identiċi* għal dawk meħuda inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-identifikazzjoni ta' atti ta' "tortura jew trattament inuman jew degradanti" li l-applikant għandu jistabbilixxi li huwa speċifikament espost għalihom fis-sens tal-punt (b) tal-istess artikolu.

55. Barra minn hekk, nammetti li jiena sensittiv għall-interpretazzjoni proposta mill-Gvern Ġermaniż, li tipprovdi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll ċerti fatturi marbuta mas-sitwazzjoni individwali jew maċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, *li jistgħu jżidu r-riskju li jkun vittma ta' vjolenza* fil-każ ta' kunflitt armat intern jew internazzjonali[23]. Fost dawn il-fatturi hemm b'mod partikolari l-*professjoni*, meta pereżempju, tabib, avukat jew interpretu jkun espost għal riskji speċifiċi minħabba l-attività tiegħu. Minkejja li huwa *impossibbli li jiġu elenkati b'mod eżawrjenti* l-fatturi kollha li jistgħu jżidu r-riskju ta' persuna li tkun vittma ta' vjolenza, nikkunsidra li l-approċċ li għandu jiġi adottat huwa suffiċjentement ċar sabiex jissensibilizza l-awtoritajiet kompetenti.

21 Kawża C-901/19 (EU:C:2021:116, punt 24).

22 Sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punti 39 u 40).

23 Ara f'dan is-sens, Storey, H., *EU immigration and asylum law* (editur Kay Hailbronner/Daniel Thym), Munich 2016, Parti D III, Art. 15, paġna 1238, punt 16, li jikkunsidra li l-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 jista' jservi sabiex jipproteġi persuni jekk dawn jirnexxilhom juru li qegħdin jaffaċċjaw theddid minħabba l-"karatteristiċi individwali" tagħhom.

*3. Risposta għat-tieni domanda preliminari*

56. Għar-raġunijiet esposti hawn fuq, nikkunsidra li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) u (4) ta' din għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, inkluża l-professjoni tiegħu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami fir-rigward tal-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva, sakemm dawn l-elementi jżidu r-riskju speċifiku li wieħed ikun espost għal theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna minħabba vjolenza indiskriminata fil-każ ta' kunflitt armat intern jew internazzjonali.

## *D. Fuq it-tielet domanda preliminari*

57. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2011/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-"iskala mobbli", iċċitata iktar 'il fuq, li hija applikata waqt l-evalwazzjoni mwettqa fir-rigward tal-punt (c) ta' dan l-artikolu, għandhiex tiġi applikata wkoll fl-evalwazzjoni mwettqa fir-rigward tal-imsemmi punt (b).

58. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li din l-"iskala mobbli" tirrigwarda l-*grad ta' vjolenza indiskriminata* fil-kuntest ta' kunflitt armat intern jew internazzjonali u tippermetti li jiġi ddeterminat jekk, f'każ partikolari, il-grad ta' tali vjolenza indiskriminata, li jista' jwassal għal theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ta' pajżan, huwiex tali li jeżistu, fir-rigward tal-persuna kkonċernata, raġunijiet serji u stabbiliti sabiex wieħed jaħseb li fil-każ ta' ritorn fil-pajjiż ta' oriġini, din il-persuna tkun f'*riskju reali li ssofri d-danni serji* msemmija fl-Artikolu 2(f), moqri flimkien mal-Artikolu 15(c) ta' din.

59. Min-naħa l-oħra, id-danni serji li jinsabu fl-Artikolu 15(a) u (b) ta' din id-direttiva jkopru sitwazzjonijiet differenti, li fihom l-applikant huwa *espost speċifikament għar-riskju ta' dannu* li jeħtieġ ċertu grad ta' individwalizzazzjoni, abbażi ta' elementi speċifiċi għaċ-ċirkustanzi personali tiegħu.

60. Fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 15(b) ma jinkludix rekwiżit relatat ma' sitwazzjoni li fiha jkun hemm ċertu grad ta' vjolenza indiskriminata, nikkunsidra li din l-"iskala mobbli" *ma hijiex rilevanti* għall-finijiet tal-evalwazzjoni fir-rigward ta' dan il-punt (b).

61. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2011/95, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"iskala mobbli", li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija applikata għall-finijiet tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-punt (c) ta' dan l-artikolu, *ma tapplikax* għal din l-ewwel dispożizzjoni.

## *E. Fuq ir-raba' domanda preliminari*

62. Permezz tar-raba' domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fil-kuntest tal-analiżi intiża sabiex tagħti lill-applikant il-protezzjoni prevista fl-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95, huwiex possibbli *li tittieħed inkunsiderazzjoni emerġenza umanitarja* li tkun preżenti fil-pajjiż ta' oriġini.

63. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha tal-ewwel tipprovdi lit-tieni l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għas-soluzzjoni tal-kawża li huma mitluba jiddeċiedu[24]. Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, il-qorti nazzjonali adita bil-kawża hija, fir-rigward tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, dik li hija fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Jibqa' l-fatt li hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fejn xieraq, li għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija adita minn qorti nazzjonali, sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni proprja tagħha, u b'mod partikolari, *sabiex tistabbilixxi jekk l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li hija mitluba hijiex marbuta mar-realtà u mas-suġġett tal-kawża prinċipali*, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx meħtieġa tagħti opinjonijiet konsultattivi fuq kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi. Jekk jidher li d-domanda magħmula hija manifestament irrilevanti sabiex tiġi deċiża din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonstata li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni[25]. Kif ser nispjega iktar 'il quddiem, l-eżami tar-raba' domanda jqajjem diffikultajiet, li jidhirli li ma jistgħux jintgħelbu sabiex jiġi konkluż li l-imsemmija domanda hija ammissibbli minkejja qari ddettaljat u ġeneruż tad-deċiżjoni tar-rinviju.

64. L-ewwel, il-qorti tar-rinviju ma tindikax espressament *liema punt* tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95 huwa kkonċernat minn din id-domanda. Madankollu, mill-kuntest li fih saret id-domanda jirriżulta li din tirrigwarda l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-punt (c) ta' dan l-artikolu. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ma tispjegax *dak li għandu jinftiehem bir-riferiment għaċ-"ċirkustanzi umanitarji"*. Madankollu, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni tar-rinviju jippermettu li jiġi dedott li l-qorti tar-rinviju tirreferi għal sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn *nuqqas sostanzjali ta' servizzi bażiċi bħall-ikel, l-ilma u l-kura medika*, b'tali mod li jirrigwardaw apparentament "emerġenża uminitarja". Għalhekk, anki jekk jiġi preżunt li l-qorti tar-rinviju kellha f'moħħha tali ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li *mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li r-rikorrenti jinsabu preċiżament fis-sitwazzjoni deskritta*. Sempliċi referenza ġenerali għal rapporti ppreparati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tas-sitwazzjoni globali fil-pajjiż ta' oriġini ma tistax tkun suffiċjenti għal evalwazzjoni każ b'każ tas-sitwazzjoni tal-applikant.

65. Fil-fatt, minkejja li r-rikorrenti ddikjaraw li "l-kundizzjonijiet ta' ħajja diffiċli, bħall-fatt li ma kellhomx karburant, ilma tajjeb għax-xorb u elettriku, kienu waħda mir-raġunijiet għat-tluq [tagħhom]", jibqa' l-fatt li d-Direttiva 2011/95 timponi *rekwiżiti għolja għar-riskju li wieħed isofri danni serji*[26] (korsiv miżjud minni). Kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat diversi drabi, din id-direttiva timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jidentifikaw "il-persuni li għandhom *ġenwinament bżonn* ta' protezzjoni internazzjonali"[27]. Huwa f'dan l-ispirtu li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fir-rigward tar-riskji ta' deterjorament tal-istat ta saħħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li "nuqqasijiet ġenerali ta' sistema ta' saħħa tal-pajjiż tal-oriġini" *ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(c) ta' din id-Direttiva*[28]. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li

[24] Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Global Starnet (C-322/16, EU:C:2017:985, punt 17).

[25] Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Stoilov i Ko (C-180/12, EU:C:2013:693, punt 38).

[26] Sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punt 37).

[27] Sentenzi tat-30 ta' Jannar 2014, Diakité (C-285/12, EU:C:2014:39, punt 33), tat-18 ta' Diċembru 2014, M'Bodj (C-542/13, EU:C:2014:2452, punt 37), u tal-10 ta' Ġunju 2021, Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali") (C-901/19, EU:C:2021:472, punt 44).

[28] Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, M'Bodj (C-542/13, EU:C:2014:2452, punt 31).

s-sempliċi konstatazzjoni oġġettiva ta' "riskju marbut mas-sitwazzjoni ġenerali ta' pajjiż" ma hijiex suffiċjenti, bħala prinċipju, sabiex tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni huma ssodisfatti fir-rigward ta' persuna speċifika [29].

66. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-premessa 35 tal-imsemmija direttiva, li minnha jirriżulta li "[r]iskji li hija ġeneralment esposta għalihom popolazzjoni ta' pajjiż jew sezzjoni minn popolazzjoni *normalment ma joħolqux* fihom infushom theddida individwali li tkun tikkwalifika bħala dannu serju" (korsiv miżjud minni). Mill-preċedenti jirriżulta li sitwazzjoni, bħal dik deskritta mir-rikorrenti, ma tistax tiġi kkunsidrata li hija wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95, minkejja kemm jistgħu jkunu diffiċli ċ-ċirkustanzi għall-persuni kkonċernati. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rabta bejn id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju u l-fatti li taw lok għall-kawża tidher li hija tal-inqas diskutibbli. Għalhekk, jidhirli li r-raba' domanda hija ta' natura ipotetika.

67. It-tieni, għandu jiġi rrilevat li mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li ċ-ċirkustanzi umanitarji inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma *l-konsegwenza diretta jew indiretta ta' atti u/jew ommissjonijiet ta' attur ta' dannu serju*, kif tippreżupponi d-domanda magħmula. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, ma huwiex ippreċiżat min huwa l-attur previst, f'hiex jikkonsistu l-atti u/jew l-ommissjonijiet konkreti ta' dan l-attur, jekk dawn twettqux b'mod deliberat jew involontarju, jew x'inhi r-relazzjoni preċiża bejn iċ-ċirkustanzi umanitarji u dawn l-atti u/jew ommissjonijiet. F'dan il-kuntest, infakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-protezzjoni sussidjarja tista' tingħata biss *jekk it-theddid ikun il-konsegwenza ta' aġir intenzjonat* ta' wieħed mill-atturi previsti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/95 [30]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li din id-dispożizzjoni tinkludi lista ta' atturi ta' dannu serju "[j]ikkorrobora l-idea li *tali perikoli għandhom jitwettqu bl-aġir ta' terz*" [31] (korsiv miżjud minni).

68. Fil-kuntest tal-Artikolu 15(c) ta' din id-direttiva, dan jimplika li tali protezzjoni tista' tingħata meta t-theddid serju u individwali jkun *il-konsegwenza suffiċjentement diretta* ta' vjolenza indiskriminata. F'dan il-każ, fl-assenza tal-informazzjoni neċessarja dwar is-sitwazzjoni speċifika tar-rikorrenti, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda *l-identità eżatta tal-atturi allegatament involuti*, ma huwiex possibbli li tingħata risposta għad-domanda magħmula, ħlief billi tittieħed gwida minn riflessjonijiet ipotetiċi, li huwa eskluż mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69. It-tielet, ma nistax neħles mill-impressjoni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija intiża, fir-realtà, sabiex tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja *tinkludi rekwiżiti addizzjonali* fl-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95, minkejja l-formulazzjoni ċara u eżawrjenti ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, ma hemmx dubju li din id-dispożizzjoni ma ssemmix l-"emerġenza umanitarja" fiha nnifisha bħala wieħed mill-każijiet li jista' jagħti dritt għal protezzjoni sussidjarja. Qabelxejn, il-kliem użat fil-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jipprekludi interpretazzjoni li tista' tinkludi tali sitwazzjoni. Għalhekk, nikkunsidra li "emerġenza umanitarja" *ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni* [32].

[29] Sentenza tas-17 ta' Frar 2009, Elgafaji (C-465/07, EU:C:2009:94, punt 37).

[30] Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, M'Bodj (C-542/13, EU:C:2014:2452, punt 31).

[31] Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, M'Bodj (C-542/13, EU:C:2014:2452, punt 35).

[32] Wieħed jista' jidentifika ċerta analoġija mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet li tipprovdi li ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95.

70. Barra minn hekk, jidhirli li tali interpretazzjoni, jekk tiġi kkunsidrata mill-Qorti tal-Ġustizzja, mhux biss tkun problematika minħabba l-argumenti ppreżentati iktar 'il fuq, iżda twassal ukoll għal *diffikultajiet ta' applikazzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali*, iktar u iktar għaliex ma huwiex ċar kif ir-rekwiżiti addizzjonali – inkluż b'deċiżjoni ġudizzjarja – jintegraw ruħhom fl-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95. B'mod partikolari, ir-rabta bejn l-"emerġenza umanitarja" u r-rekwiżiti espressament previsti f'din id-dispożizzjoni tqajjem bosta mistoqsijiet. Jidhirli li d-diffikultajiet assoċjati ma' tali approċċ juru li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni ma setgħetx tkun li jaċċetta tali twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fuq imsemmija mingħajr ma tiġi prevista riforma [33]. Fl-opinjoni tiegħi, huwa biss il-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jiżgura ċ-ċertezza legali billi jemenda d-Direttiva 2011/95 jekk ikun neċessarju.

71. Għar-raġunijiet invokati fil-punti preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-raba' domanda hija inammissibbli.

## F. Konklużjoni

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f''s-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi):

1) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) ta' din,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   għal kull wieħed mill-punti elenkati f'dan l-artikolu u li jistgħu jkunu inkwistjoni f'każ partikolari, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva, li jinkludu s-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant kif ukoll il-fatti kollha rilevanti li jirrigwardaw il-pajjiż ta' oriġini, u għandha ssir b'mod li jiddistingwi ż-żewġ stadji relattivi, rispettivament, għall-konstatazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali li jistgħu jikkostitwixxu provi insostenn tal-applikazzjoni u għall-evalwazzjoni ġuridika ta' dawn l-elementi, mingħajr ma huwa neċessarju li l-punti differenti ta' dan l-Artikolu 15 jiġu evalwati flimkien.

2) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) u (4) ta' din,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

[33] Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bundesrepublik Deutschland (Kunċett ta' "theddid serju u individwali") (C-901/19, EU:C:2021:116, punt 56), indikajt li t-test tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2011/95 huwa l-frott ta' kompromess bejn l-Istati Membri. Fil-fatt, il-ġenesi ta' din id-dispożizzjoni juri li din kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet kontroversjali fi ħdan il-Kunsill (ara, f'dan ir-rigward, Storey, H., *op. cit.*, paġna 1235, punt 6).

is-sitwazzjoni individwali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikant, inkluża l-professjoni tiegħu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami fir-rigward ta' dan l-Artikolu 15(c), sakemm dawn l-elementi jżidu r-riskju speċifiku li wieħed ikun espost għal theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna minħabba vjolenza indiskriminata fil-każ ta' kunflitt armat intern jew internazzjonali)

3) L-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2011/95,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-"iskala mobbli" li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija applikata għall-finijiet tal-evalwazzjoni fir-rigward tal-punt (c) ta' dan l-artikolu, ma tapplikax għal din l-ewwel dispożizzjoni.

4) Ir-raba' domanda hija inammissibbli.